SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 53/K9/23**

Data tal-laqgħa: 18 ta' April 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Clayton Luke Mula – Vici Sindku
Victor Vella – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Martin John Sultana - Kunsillier
Rita Dimech Portelli -Kunsilliera
Sean Gauci - Kunsiller

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

**Assenti:** (1p) - Il-Kunsillier John Agius (Inc No. 40912/23)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

53.1.01 Il-Kunsillier John Agius talab li jiġu skużat għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**53.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

53.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 52/K9/23 għall-approvazzjoni.

53.2.02 Ma kienx hemm bżonn li ssir ebda korrezzjoni.

53.2.04 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

53.2.05 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

53.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**53.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

- Proġett Villa Rosa – saret laqgħa mal-Perit ta' l-iżviluppatur ta' Villa Rosa fejn kienu mistiedna il-Kunsill ta' Swieqi, Pembroke u San Ġiljan fejn saret spjegazzjoni tal-proġett. Mill-Kunsill ta' San Ġiljan attendew is-Sindku Guido u l-Kunsillier Victor Vella. Ir-rapport ta' l-ERA ħareġ u l-Perit tagħna ressaq l-oġġezzjonijiet fuq dan ir-rapport.

- Delegazzjoni tal-Estonia (Saku) – dawn ser ikunu qed jiġu Malta (San Ġiljan) bejn it-3 u s-6 ta' Mejju 2023. L-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u lukanda ser ikunu mħallsa min-naħa tagħhom. Il-kumplament ser ikunu qed jitħallsu mill-Kunsill.

- Ġnien Spinola – saret laqgħa mal-Ministru Stefan Zrinzo, Ministru għax-xogħolijiet pubbliċi u l-ippjanar, flimkien mar-rappreżentanti ta' l-Awtorita' tal-Turiżmu f'Malta u 'Tourism Zones Foundation' kif ukoll ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn ġie diskuss l-għajnuna li tista' tingħata mill-fondi tal-*Planning Funds* biex jintużaw għal ġnien Spinola. Mill-Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku Guido Dalli kif ukoll id-Deputat Segretarju is-Sinjorina Cher Carmen Fenech.

- Dawl fi Triq Charles Sciberras – il-kuntrattur iltaqa' mas-Sindku fuq il-post biex itina stima ta' kemm ser jiswa dan id-dawl. Wara li d-dawl jiġi nsallat jista' jibda t-tarmak.

- Xogħolijiet fi Sqaq is-Siġra u biċċa minn Triq Henry Calleja – dawn għandhom jibdew fl-aħħar ta' April bil-ftehim li javżaw lill-Kunsill

qabel ħalli nkunu nistgħu navżaw lir-residenti kif ukoll dawk li jkollhom bżonn xi permess relatat mat-toroq msemmija.

- Xogħolijiet f'Telgħet Birkirkara – ix-xogħol minn fejn il-klabb tal-futbol Ta' Giorni Wolves sa fejn l-uffiċini tal-SMS għadu ma tkomplix minħabba li hemm xogħol għaddej fuq d-dar ta' l-anzjani biex ladarba jibdew ix-xogħolijiet jitkomplew. Tajjeb li nikkunsidraw t-turiżmu fis-sajf u t-toroq li fihom ma jistgħux isiru xogħolijiet.

- Sports – ser isir basketball tournament fl-10 ta' Ġunju 2023, sports day u l-ġostra fit-12 ta' Awwissu 2023. Apparti dawn ser isir ukoll tournament tal-billiard imma d-data għadha ma ġietx deċiża. Importanti li r-Reġjun ikun infurmat dwar dan kollu speċjalment li relatati ma skemi.

- Devjazzjoni tat-traffiku fil-ħinijiet ta' l-iskola – jinżlu sa Pjazza Rogazzjoni, idur għal Triq San Mark, Telgħet Birkirkara fejn mbagħad jistgħu joħorġu għal Triq il-Kbira jew Triq Ġorġ Borġ Olivier.

- Ġnien Saver Zarb – x-xogħol mhux qed isir kif suppost allura t-tender ser ikollu jew jaqa' inkella irridu noqgħodu telgħin u neżlin il-qorti. Il-Kunsill qabel unanimament li t-tender jaqa'. Irċivejna ukoll ittra mingħand il-kuntrattur Derek Garden Centre imma din ser tkun qed tintbagħat lil Avukat u l-Perit għal parir min-naħa tagħhom.

- Promenade hedge – fit-13 ta' April 2023 saret laqgħa mas-Sur Mark Scerri Simiana f'isem l-Awtorita' tat-Turiżmu f'Malta flimkien ma' wieħed mid-diretturi ta' l-eCabs is-Sur Matthew Bezzina. Dawn tkellmu biex jekk possibli ma jerġax isir bħal dak preżenti fejn Neptunes u ssuġġerew pjanta li tajba għal-melħ (metrosideros). Hemm bżonn madwar 400 pjanta biex jinżraw u l-eCabs offra l-għajnuna tiegħu ta' madwar €5,000. Ser ikun qed jiġi diskuss kif ser jinqasmu l-ispejjeż.

- Aċċess għal Xatt is-Sajjieda – saret laqgħa fejn preżenti kien hemm is-Sur Mark Scerri Simiana f'isem l-Awtorita' tat-Turiżmu f'Malta u is-Sinjura Stefania Zammit f'isem il-LESA flimkien mas-Sindku u d-Deputat Segretarja. Fir-rigward tas-sajjieda dawn ser jiġu allokati siegħa biex ikunu jistgħu jidħlu jħottu u joħorġu, apparti l-permess tal-Kunsill. Għal kull tip ta' xogħol ieħor li jieħu iktar fit-tul irid jintalab permess speċjali mill-Kunsill.

- Klinika – iċ-Ċermen qal li sab post taħt il-Knisja l-ġdida li jista' jintuża għal klinika. Wara li saret laqgħa bejnhu, is-Sinjura Rosianne Camilleri u l-Kapillan Fr. Paul Mizzi f'isem il-Kurja

intlaħaq ftehim li dan il-post għandu jinkera għal dan il-għan. Bħalissa qegħdin isiru diskussjonijiet finali bejn in-naħa tal-Gvern u l-Kurja.

- Proġett Bjar ta' Napuljun – kienet intalbet stima tar-'*railing*' tal-ħadid u din giet tammonta għal madwar €7,000. Imma ċ-Ċermen issuġġerixxa li jintuża dak tal-ħġieġ li diġa nxtara u mħallas. Kollha qablu unanimament.

## 53.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

53.4.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet jekk hux possibli li l-allowances tagħhom jidħlu dirett il-bank minflok biċ-ċekk. Id-Deputat Segretarja is-Sinjorina Cher Carmen Fenech qalet li qed taħdem fuqha u ser tagħmel l-almu tagħha biex dan iseħħ.

53.4.02 Il-Kunsillier Sean Gauci qajjem il-punt li fi Triq Nicholas Monserrat fejn kien hemm STOP sign tiġi miżbugħa sewda għax din it-Triq issa ġiet 'one-way'.

53.4.03 Il-Kunsillier Martin Sultana staqsa kemm hemm proġetti pendenti ma' Project Green biex filkas jiġi ikkunsidrat Ta' Ġiorni wara l-kulleġġ ta' l-Għarab. Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul wieġeb li fuq dan il-proġett diġa' hemm applikazzjoni miftuħa u ser ikun qed jiċċekja fuqha. Iċ-Ċermen talbu biex sa l-laqgħa li jmiss jaġġorna lill-Kunsill.

53.4.04 Il-Kunsillier Victor Vella qajjem il-punt dwar il-ħmieġ, inkluż dak tal-klieb li hemm madwar il-lokalita' ta San Ġiljan li huwa esaġerat. Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli sostniet dan l-argument. Iċ-Ċermen wieġeb li minħabba li issa r-Reġjun huwa responsabbli ma nistgħux nkellmu lill-kuntrattur dirett aħna. Apparti dan qal ukoll li jekk mhux ħa nżommu lil min jikri responsabbli qatt mhu ħa nitgħalmu. Dwar dan il-Kunsillier Victor Vella qal li jekk hemm bżonn il-ħlas jaqa' fuq min jieħu ħsieb il-condominium. Filwaqt li l-Kunsillier Martin Sultana qal li jrid ikun hawn tal-LESA u awtoritajiet oħra iktar fil-madwar biex jagħtu l-multi. Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv issuggeriet biex tintbagħat ittra lir-Reġjun kif ukoll lill-Ministru tal-Ambjent, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u jiġi nfurmat ukoll ir-Reġjun Lvant biex ikun hemm iktar sorveljanza.

53.4.05 Il-Kunsillier Victor Vella talab biex jitnaddaf is-sqaq li jagħti minn San Ġiljan għal San Ġwann u jsir manutenzjoni fuq il-bankijiet li hemm.

53.4.06 Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv, Cher Carmen Fenech qajmet il-punt fuq il-laqgħat online. Hija ssuġġerit biex il-Kunsilliera jekk mhux f'xi każ ta emergenza ikunu preżenti il-Kunsill u mhux online.

Il-Kunsill lest li min ikollu bżonn jikteb ittra biex jiġu skużati minn fuq il-post tax-xogħol.

53.4.07 Fir-rigward ta' l-appraisal ta' l-istaff, id-Deputat Segretarja Eżekuttiv qrat l-imejl mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn qalu li dment li tlett kunsilliera astjenew dan ma jgħoddx u jgħoddu biss l-voti ta' dawk li vvutaw favur. Għaldaqstant, il-performance bonus ingħata kif issuġġerit mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-mibki Paul Spiteri peress li kien ħadem kwazi xahar, l-eredi tiegħu ser ikunu qed jingħataw l-performace bonus b'14%, kif approvat mid-Dipartiment, ta' dan l-istess xahar. Il-Kunsill qabel.

**53.5 Budget;**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillera preżenti li din l-item ser ikun diskuss waqt il-laqgħa li jmiss.

**53.6 Quarterly Financial Statements as at 30th September 2022**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillera preżenti li din l-item ser ikun diskuss waqt il-laqgħa li jmiss.

**53.7 Talbiet żgħar**

**53.7.01 Korrispondenza dwar proġetti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Lvant għas-sena 2023 (Inc. 39664/23);**

53.7.01.01 Proġett 1 – Attivitajiet sportivi li jridu jinzammu taħt it-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 li ser joffru massimu ta' €3,000 fejn ser jintużaw skond kif indikat fis-sebgħa punt tal-komunikazzjoni miċ-ċermen.

Proġett 2 – Proġetti kulturali, sports, muzika, jum il-lokal, baned li ser joffru massimu ta' €13,000. Dawn għad iridu jiġu diskussi.

Proġett 3 – Proġetti ta' titjieb fil-lokalita' li l-kunsill ser ikun qed jibbenifika €35,000. Dawn ser ikunu qed jintużaw fuq bins u doggy bins, road markings, signs, installazjoni ġdida ta' dawl fi Triq Charles Sciberras u manutenzjoni fuq belisha beacons. Dawn isiru skond kemm iservuna l-fondi.

Proġett 4 – Xiri jew kiri ta' tiżjin tal-Milied fejn il-Kunsill ser jibbenifika €3,000. Dawn il-fondi ser ikunu qed jinqatgħu mit-tender tad-dawl tal-Milied.

**53.7.02 Email b'suġġeriment biex issir camera fl-area tal-ATM fi Triq Lapsi (Inc. 39769/23);**

53.7.02.01 Il-Kunsill issugerixxa li jsir '*reserved parking*' għal utenti ta' l-ATM u biex ma jintilifx post ta' parkeġġ isir ieħor ħdejh.

**53.7.03 Email dwar permess ghal mwejjed u siggijiet fi Triq Gort (Inc. 39973/23 & Inc. 40338/23);**

53.7.03.01 Ġie deċiż unanimament li jagħtu 'no objection' għal Ġimgħa, Sibt u Ħadd. Il-Kunsillier Martin John Sultana qal biex noqogħdu attenti f'kas li oħrajn jitolbu xi haġa simili.

**53.7.04 Korrispondenza dwar Skemi ghall-Kunsilli Lokali 2023 – L-Ewwel Parti (Inc. 39988/23);**

53.7.04.01 Dawn l-iskemi ser ikun qed idurhom iċ-Ċermen u imbagħad jaġġorna lil Kunsill. L-iskema tal-Clean Up ser tiġi aċċettata.

**53.7.05 Korrispondenza dwar Skemi ghall-Kunsilli Lokali 2023 – It-Tieni Parti (Inc. 40147/23);**

53.7.05.01 Ser ikun qed isir appuntament mal-Pulizija u il-Kunsillier Martin Sultana ser jiġi nfurmat.

**53.7.06 Email dwar il-Playing area f'Ta' Giorni (Inc. 40229/23);**

53.7.06.01 Ħareġ il-punt biex mill-fondi tal-*Planning Funds* jiġu rranġati l-kmamar u li hemm bżonn. Dwar dan ġie issuġġerit li tintbagħat ittra lill-Ministru Onor.Clifton Grima biex issir laqgħa miegħu. Ħarġu diversi idejat dwar kif jista' dan il-grawnd ikun aħjar, fosthom outdoor gym, toilets, futbol grawd 5-a-side bil-'cloakroom', cafeteria etc.

**53.7.07 Email b'suġġerimenti għal-Festa ta' San Ġiljan (Inc. 40231/23);**

53.7.07.01 Iċ-Ċermen ser ikun qed jiltaqa' mas-Sur Natal Falzon biex jaraw x'jista' jsir f'San Ġiljan u jpoġġuħ fil-prattika. Huwa mbagħad għandu jinforma lill-Kunsilliera. Il-Kunsillier Victor Vella ssuġġerixxa li tiġi organizzata xi ħaġa f'Jum San Ġiljan li jkun kull 5 ta' April.

**53.7.08 Korrispondenza dwr il-bankina fi Triq il-Knisja (Inc. 40350/23, Inc. 40401/23);**

53.7.08.01 Iċ-Ċermen ser ikun qed jiltaqa' miegħu biex jara x'irid jagħmel eżatt fuq din il-bankina u jekk jaqblu tinħareġ in-'no objection' biex ikun jista jmexxi.

**53.7.09 Korrispondenza dwar kiri ta' kayak fil-Bajja ta' San Gorg kif ukoll il-Bajja tal-Balluta (Inc. 40354/23)**

53.7.09.01 Ser tkun qed issir laqgħa mal-applikant kif ukoll li jiġu mistiedna l-Malta Tourism Authority minħabba li l-bajjiet jaqgħu taħtom.

**53.7.10 Email dwar *Events – Procure – European Region of Sport* (Inc. 40408/23);**

53.7.10.01 Din inqrat għal attenzjoni tal-Kunsill.

**53.7.11 Applikazzjoni biex jinhareġ permess ghal ingaġġ ta' persuna bhala *handyman* (Inc. 40490/23);**

53.7.11.01 Il-Kunsill qabel li tinħareg l-applikazjoni taħt skala 16.

**53.7.12 Email dwar il-Reverse Vending Machines (BCRS) f'Ta' Giorni (Inc. 40558/23);**

53.7.12.01 Ġie ssuġġerit biex isir fejn kien hemm il-klinika tal-gvern f'Ta'Giorni.

**53.7.13 Korrispondenza dwar SPI.SCI.3.2020 (Inc. 40566/23);**

53.7.13.01 Il-Kunsill qabel li:

- Jitranġa t-taraġ fejn il-grawnd tal-futbol biex ikun aċċessibli għal nies b'diżabilita'.
- Isiru tabelli biex *'scooters'* u *'shopping trolleys'* ma jintużawx fuq t-taraġ tal-Knisja.
- Issir rampa fuq zebra crossing li qiegħda fejn Love Monument
- Jitqiegħed madum fuq t-terrapiena, fi Triq il-Mensija.
- Jiġi rranġat il-madum fil-latrina tal-Balluta.

Dan kollu jista' jsir biss sakemm iservuna l-fondi.

**53.7.14 Email dwar Spinola Bay upgrading project (Inc. 40204/23)**

53.7.14.01 Il-Kunsill qabel dment li jsir l-paviment neċessarju.

**53.7.15 Email dwar talba ghal attivita f'Xatt is-Sajjieda**

53.7.15.01 Il-Kunsill qabel li tingħata no objection dment li jinħarġu l-permessi kollha neċċessarji

**53.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

53.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5899 sa 5940. (Ara Appendiċi 'A')

53.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**53.9 Skeda tal-Pagamenti**

53.9.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

53.9.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

53.9.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**53.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

53.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2023 fil-5.00p.m.

53.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8 ta' filghaxija

**IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Cher Carmen Fenech** |
| **Ċermen** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 30 ta' Mejju 2023